MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**PATRICK VELLA**

Seduta tas-6 ta' Settembru, 2001

Appell Kriminali Numru. 161/2000/1

**Il-Pulizija (Spettur Martin Bayliss)**

**Vs**

**MICHAEL CARTER**

Il-Qorti :

Rat l-akkuzi dedotti kontra Michael Carter talli :

1. Fit-13 ta'Lulju, 1997, ghal habta ta' bejn it-3.00 a.m. u l-4.30 a.m., fi Triq Ball, Paceville, San Giljan, minghajr il-hsieb li joqtol, jew li jqieghed il-hajja ta'haddiehor f'perikolu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta'persuna ohra, u cioe' ta' Noel Mallia minn Hal-Tarxien, billi tah diversi daqqiet ta'lembuba fuq diversi partijiet ta'gismu, u kif ukoll gidmu fuq idu x-xellugija, liema griehi

gew ikklasifikati mit-tabiba Daniela Chetcuti bhala ta’natura hafifa ;
**2.** Fl-istess data, hin u post, bhala Ufficcjal Pubbliku, dolozament bi ksur tad-dmirijiet tieghu, ghamel jew naqas li jghamel xi att, b’taghkis jew bi hsara ta’haddiehor, u cioe’, ta’Noel Mallia, billi bla ordni skond il-ligi ta’awtorita’ kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi tghati s-setgha li jarresta lill-hati, arresta, zamm, jew issekwestra lill-imsemmi Noel Mallia kontra l-volonta’ tieghu ;
**3.** Bhala Ufficcjal Pubbliku, ikkommetta r-reati msemmija meta huwa kellu jissorvelja biex ma jsirux, jew minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’Gudikatura Kriminali datata 13 ta’Gunju, 2000, li biha sabet lill-Michael Carter <u>hati fuq l-ewwel u t-tielet akkuzi</u> w ikkundannatu fuqhom Multa ta’ hames mitt lira Maltin (Lm500), u ma sabitux hati fuq it-tieni akkuza w illiberatu minnha.

Rat ir-rikors t’appell ta’ Michael Carter datat 23 ta’Gunju, 2000, li bih talab li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata fil-parti liberatorja taghha w tirrevokaha fejn sabitu hati ta’ l-ewwel u t-tielet akkuzi billi tiddikjarah mhux hati taghhom u tilliberah minn kull akkuza w htija skond il-ligi.

Rat l-aggravju ta’ l-appellant.

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi bazikament l-aggravju principali ta' l-appellant huwa li l-ewwel Qorti ma ghamletx apprezzament tajjeb tal-provi. Hu jghid li dik il-Qorti, fl-apprezzament tal-provi li ghamlet, ftit li xejn ikkunsidrat l-atmosfera li ta'spiss ikun hemm gewwa Paceville, fejn hu maghruf li ta'sikwiet ikun hemm ksur ta'diversi disposizzjonijiet tal-ligi. Skond l-appellant, jidher ukoll li l-ewwel Qorti kienet invertiet l-oneru tal-prova minn fuq il-prosekuzzjoni ghal fuqu, dan billi sabitu hati ghaliex dehrilha li ma kienx gab provi biex jissustanzja dak li qal in difeza tieghu w ghalhekk rat li l-verzjoni tal-prosekuzzjoni kienet aktar verosimili.

Illi kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, fil-kaz in ezami hemm zewg verzjonijiet kontrastanti ta' dak li gara fl-incident in kwistjoni. A skans ta' ripetizzjoni, il-Qorti tghamel riferenza ghall-esposizzjoni taz-zewg verzjonijiet kif huma dettaljatament murija fis-sentenza appellata.

Li jinteressa lil din il-Qorti, ghalhekk, huwa jekk il-provi li tressqu quddiem l-ewwel Qorti, u li gew analizzati w apprezzati minnha, specjalment ix-xhieda ta'Noel Mallia, kienux tali li in bazi taghhom dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li fil-fatt waslet ghaliha.

Din hi precizament il-funzjoni ta'din il-Qorti ta'Revizjoni. Din il-Qorti mhiex qedha hawnhekk sabiex mill-apprezzament tal-provi li necessarjament tghamel hi, tara x'decizjoni hi kienet tasal ghaliha daqs li kieku kienet xi Qorti ta'Prima Istanza, u rrespettivament mid-decizjoni li gja' tkun hadet l-ewwel Qorti qabilha. Jista' jghati l-kaz, u dan kif jista' jigri diversi drabi, li din il-Qorti kienet forsi tasal sabiex tiddeciedi mod iehor minn dak li tkun iddecidiet l-ewwel Qorti, li kieku kellha tiddeciedi hi bhala Qorti ta' Prima Istanza fuq htija jew le. Pero', jerga' jinghad, din mhiex il-funzjoni ta' din il-Qorti. Din il-Qorti trid tara jekk l-ewwel Qorti, in bazi tal-provi li kellha quddiemha, setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghal dik il-konkluzzjoni jew decizjoni li tkun hadet, anke jekk, ghall-grazzja ta' l-argument biss, dik id-decizjoni jew konkluzzjoni ma tkunx necessarjament bhal ta' din il-Qorti

li kieku din il-Qorti kellha l-funzjoni bhal dik ta’ l-ewwel Qorti.

Ghalhekk, din il-Qorti trid tara jekk l-ewwel Qorti kienetx ghamlet apprezzament tal-provi skorrett, kif qed jallega l-appellant, b’konkluzzjonijiet logikament daqstant zbaljati wkoll. Trid tara jekk dik il-Qorti interpretatx b’mod skorrett xi punt ta’ ligi. Hu propju ghalhekk li din il-Qorti tghamel l-apprezzament taghha tal-provi sabiex tasal biex taqdi din il-funzjoni taghha ta’revizjoni, u mhux biex tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik ta’ l-ewwel Qorti.  Fil-fatt huwa biss rarament li din il-Qorti tasal sabiex tirrimpjazza d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti b’dik taghha, u dan tghamlu, kif intqal, meta din il-Qorti tkun sodisfatta li l-ewwel Qorti kienet ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi, jew li, in bazi tal-provi li kellha quddiemha, hi ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjonijiet li tkun hadet.

Ovvjament, fl-ezercizzju  li tghamel din il-Qorti, trid dejjem izzomm f’mohha li l-ewwel Qorti kienet f’posizzjoni ferm aktar favorevoli jew vantagguza minnha meta giet biex tghamel l-apprezzament u evalwazzjoni tal-provi kollha. Kuntrarjament ghal din il-Qorti, l-ewwel Qorti tkun ghexet il-process kollu tul perijodu ta’zmien li jidhrilha li jkun mehtieg jew necessarju, dejjem fil-parametri tal-ligi; kellha l-hin kollu ghad-disposizzjoni taghha sabiex tisma ‘viva voce’ w bil-gurament, u kull meta jkun hemm bzonn, lix-xhieda kollha li tressqu quddiemha, u wara tanalizza sewwa u dettaljatament dik ix-xhieda w provi fl-assjem taghhom. Fi ftit kliem, l-ewwel Qorti kellha l-mezzi kollha li tghati l-ligi sabiex tara xhud kemm hu kredibbli, f’hiex hu kredibbli, jekk kienx qed jghid il-verita’ kollha, jew parti verita’ u parti le, jew jekk kienx addirittura qed jigdeb, tezamina l-komportament tax-xhud waqt li qed jixhed fuq il-pedana tax-xhieda, tara x’interess seta’ kellu xi xhud meta xehed quddiemha, u tadotta kull kriterju li thoss opportun biex tesegwixxi dan l-ezercizzju ta’ analizi w apprezzament tal-provi.

Mill-banda l-ohra, din il-Qorti ta’Revizjoni ma ghandhiex dawn l-opportunitajiet li kellha l-ewwel Qorti fil-kaz in

dizamina. Din il-Qorti trid toqghod biss fuq il-provi kif huma traskritti fl-atti w tisma dak li ghandhom jghidu verbalment l-avukati taz-zewg nahat.

Ghalhekk mhiex il-funzjoni ta' din il-Qorti li tiddeciedi mill-gdid fuq il-provi li hemm fl-atti daqs li kieku qatt ma kien hemm xi decizjoni precedenti fuq dawk l-istess provi mill-ewwel Qorti. Hu minhabba din ir-raguni li dak li ghandha tghamel din il-Qorti hu li tara jekk l-apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti kienex wiehed regolari li in bazi tieghu dik il-Qorti legalment u ragjonevolment setghet tasal ghad-decizjoni li tkun hadet.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi, kif gja' intqal, l-ewwel Qorti tidher li strahet b'mod konsiderevoli fuq ix-xhieda ta' Noel Mallia li qal li l-appellant kien qabad jghatih bil-lembuba b'mod aggressiv u minghajr ma kien hemm in-necessita'. Minn naha tieghu, l-appellant jghid li hu kellu jirrikorri 'in extremis' ghall-uzu tal-lembuba, li wara kollox hi parti mill-uniformi tal-pulizija u li tinghatalu sabiex juzaha meta hu jhoss li hemm il-bzonn, tenut kont tac-cirkostanzi partikolari li jinsab fihom, wara li dan Noel Mallia kien irrezista l-arrest, tkellem oxxen u baxx, heddu, harab, ma obdiex l-ordinijiet legittimi li kien tah, u anke aggredih bil mod kif hu jiddeskrivi fix-xhieda tieghu.

Ghal dak li hu l-incident propju, eskluza l-kwistjoni ta' l-uzu tal-lembuba, din il-Qorti tinnota li mid-dicitura tas-sentenza appellata jidher li l-ewwel Qorti tefghet il-htija ta' dan l-incident kompletament fuq l-imsemmi Noel Mallia. Dik il-Qorti stess tiddeskrivi dan ix-xhud bhala *persuna arroganti, provokanti w kiesah*. Barra minn hekk hi l-ewwel Qorti stess li osservat fis-sentenza taghha li l-verzjoni ta' dan Mallia li l-appellant kien tah bil-lembuba ghal xejn b'xejn, kienet verzjoni "*manifestament inverosimili w inaccettabbli*". Hija wkoll l-ewwel Qorti li kkonkludiet li minhabba dan l-agir kollu ta'Noel Mallia, l-appellant kellu kull dritt li jarrestah, kif fil-fatt ried jghamel, izda Mallia ma

halliehx billi telaq jigri biex jahrab l-arrest. Li ma accettatx l-ewwel Qorti kien li fil-fehma taghha, fil-kwadru ta' dan l-incident kollu, meta l-appellant hareg il-lembuba u ta biha lill-Mallia, hu kien ecceda fl-uzu ta' din il-lembuba. Skond l-ewwel Qorti, ghalhekk, minkejja li hi stess iddecidiet li Mallia kellu t-tort kollu ghall-incident in kwistjoni, l-appellant ma kienx gustifikat li juza il-lembuba fuq Mallia. Skond l-ewwel Qorti, ic-cirkostanzi li sab ruhu fihom l-appellant ma kienux jindikaw li dan kien xi kaz 'in estremis', u ghalhekk ecceda meta uza l-lembuba fuq Mallia.

Ghalhekk kollox allura jiddependi fuq l-apprezzament u interpretazzjoni tal-provi li sar mill-ewwel Qorti jekk l-appellant kienx gustifikat jew le li jirrikorri ghall-uzu tal-lembuba, anke jekk dik il-Qorti stess stqarret li Mallia kien unikament responsabbli ghal dan l-incident kollu minhabba l-agir aggressiv u provokanti tieghu.

Jidher li l-ewwel Qorti waslet ghal din il-konkluzzjoni taghha ghaliex emnet lill-Noel Mallia fil-parti tax-xhieda tieghu meta allega li l-appellant kien gidimlu dirajh u tah bil-lembuba bl-addocc, u ma emnitx lill-appellant meta qal li hu dak il-hin hass li kellu jirrikorri ghall-uzu tal-lembuba meta sab lil Mallia fuqu b'mod li kwazi ma setghax jiehu nifs, beda jghatih daqqiiet ta'sieq, u, ghalhekk, hareg il-lembuba biex biha jkun jista' jillibera ruhu minnu. L-appellant ma jichadx li ta bil-lembuba fuq saqajn Mallia, izda qal li ma kienx aggressiv f'dawn id-daqqiet li tah, tant li l-ferita li sofra Mallia kienet biss tbengila ta'natura hafifa. Fil-fehma ta' din il-Qorti, in-natura tal-ferita li sofra Mallia gja' ghandha indikazzjoni qawwija kemm effettivament id-daqqiet bil-lembuba ma kienux aggressivi jew moghijta bl-addocc.

Il-Qorti ezaminat sewwa din il-parti tax-xhieda kemm ta' l-appellant kif ukoll ta'Noel Mallia, riferibbilment ghall-uzu tal-lembuba. Bla dubju ta'xejn dawn il-verzjonijiet huma ferm konflingenti w kontrastanti. Wiehed bilfors izomm f'mohhu li *'ex admissis'*, Mallia kien qal li ftit tal-hin qabel kien gja' xorob xi tnax il-flixkun birra, izda kien f'sensih u kien jaf x'kien qed jghamel. Jista' jkun li ma kienx fis-

sakra, izda certament meta wiehed jixrob dak l-ammont ta’birra, zgur li l-agir generali tieghu ma jibqghax kompletament normali, ghalkemm veru jkun jaf x’qed jghamel. Hu ferm probabbli li bniedem li jkun xorob daqstant birra xi ftit jew wisq isir aggressiv fl-imgieba tieghu in generali. Hi l-ewwel Qorti stess li qalghet li kienet konvinta li dan Mallia kien kiesah, aggressiv u provokanti.

Sabiex din il-Qorti tasal biex tara jekk l-ewwel Qorti setghetx ragjonevolment tikkonkludi li l-appellant kien hati ghaliex, skond hi, kien ecceda fl-uzu tal-lembuba, u dan in bazi tal-provi li semghet, hi qieset sewwa diversi fatturi w cirkostanzi li mis-sentenza appellata ma tantx jidher li l-ewwel Qorti kienet ikkunsidrathom.

Hu ferm importanti f’dan l-ezercizzju, u partikolarment fil-kaz prezenti, li wiehed ghandu necessarjament izomm quddiem ghajnejh is-sitwazzjoni generali gewwa Paceville fil-hinijiet bikrin ta’filghodu fejn hu ben maghruf li ta’spiss jinqalghu incidenti fost iz-zaghzagh u nies li jiffrekwentaw dik il-lokalita’, u fejn ta’spiss jintuzaw armi. Is-sitwazzjoni f’dan il-post necessarjament u logikament tirrikjedi il-presenza tal-pulizija, armata w lesta ghall-kull eventwalita’ li tista’ tinqalgha, presenza li hija ferm aktar mehtiega w numeruza minn kull post iehor ta’divertiment fil-pajjiz. Il-garr ta’lembuba fuq il-persuna tal-pulizija f’dawk l-inhawi u f’dawk ic-cirkostanzi, tenut kont ta’ din il-fama ta’Paceville, hija l-anqas li wiehed jistenna, meta tqis li hafna drabi zaghzagh hemmhekk jinstabu jgorru armi tan-nar u armi bil-ponta jew li jaqtghu bhal skieken.

Huwa f’dan l-isfond, ghalhekk, li wiehed ghandu necessarjament jara jekk fl-incident in kwistjoni, li ghalih kien unikament responsabbli l-imsemmi Noel Mallia, l-uzu tal-lembuba mill-appellant kienx wiehed eccessiv jew le f’dawk ic-cirkostanzi partikolari. Hu necessarju li sabiex wiehed jasal ghal xi decizjoni fuq dan l-aspett, irid ipoggi lilu nnifsu fil-posizzjoni li sab ruhu fiha l-appellant u jara kif f’dawk ic-cirkostanzi kien jirreagixxi ghall-aggressjoni, eccetra, ta’Noel Mallia. Irid jara jekk f’dawk ic-cirkostanzi, l-uzu tal-lembuba li, wara kollox, u kif intqal qabel, tifforma parti mill-uniformi tal-pulizija w tinghathalhom sabiex

tintuza kull meta tinhass in-necessita’, basta li tintuza b’mod ragjonevoli u kif ikun opportun skond ic-cirkostanzi, hiex xi eccess fl-uzu taghha jew, ghal kuntrarju, jekk dak l-uzu kienx wiehed f’waqtu jew necessarju. Dan huwa t-test soggettiv li ghandu jsir f’dan il-kaz, u mhux it-test oggettiv bhal ma jidher li ghamlet l-ewwel Qorti. Certament mill-assjem tal-provi fuq dan l-aspett, din il-Qorti mhiex moralment konvinta li l-appellant ecceda fl-uzu ta’ din il-lembuba. Dan ghaliex hi wzat dan it-test soggettiv u rat li dak l-uzu tal-lembuba, f’dawk ic-cirkostanzi, ma kienx eccessiv ; anzi, kien piuttost mehtieg minhabba c-cirkostanzi li probabbilment, aktar iva milli le, sab ruhu fihom l-appellant. Wara kollox, il-grad tal-probabbli huwa bizzejjed ghal l-appellant sabiex inissel id-dubju ragjonevoli fil-verzjoni tal-prosekuzzjoni. U certament, fil-kaz prezenti, tenut kont tal-fattispecie partikolari tieghu, din il-Qorti thoss li certament l-appellant wasal sa dan il-grad tal-probabbli f’dak li xehed u qal li kienu l-fatti. Hu f’dan is-sens li din il-Qorti, bhala Qorti ta’Revizjoni, tara li in bazi ta’dawn il-provi, kemm dawk diretti kif ukoll dawk cirkostanzjali, kunsidrat kollox komplessivament, bis-sitwazzjoni kif hi maghrufa li tkun gewwa Paceville, l-ewwel Qorti ma setghetx ragjonevolment, minghajr dubju dettat mir-raguni, tasal sabiex issib htija fl-appellant. Hu propju ghalhekk li din il-Qorti taqbel li dan l-aggravju ta’ l-appellant ghandu jigi akkolt.

Dwar it-tieni u l-ahhar aggravju ta’ l-appellant li jirreferi ghall-piena mposta fuqu mill-ewwel Qorti, dan issa gie rez superflwu w ovvjament din il-Qorti mhiex sejra tikkunsidrah in vista ta’ dak li ddecidiet fuq l-ewwel aggravju.

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha din il-Qorti qed tilqa’ l-appell ta’Michael Carter dan billi qed tikkonferma s-sentenza appellata fil-parti liberatorja taghha, tirrevokaha fil-parti fejn sabitu hati w, konsegwentement, tilliberah minn kull akkuza, htija w piena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------